TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 81/14-F

**Mario Casingena**

**vs**

**Vodafone Malta Ltd.**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 t'April, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara li nxtara kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* u wara li għamel ftit żmien jużah, dan il-*mobile phone* ma baqax jaħdem tajjeb. Illi ħadu għat-tiswija u wara ġie nfurmat illi kien it-tort tiegħu.

L-intimat issottometta li fl-ewwel lok ma speċifikax l-ammont eżatt li qed jitlob u li ma ntalab l-ebda rimedju. Di piu s-soċjeta' ntimata qed tallega illi l-ħsara saret tort tar-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi fl-ewwel lok it-talba hija ċara għax qed jitlob mitejn ewro (€200), u għalhekk qiegħed jiċħad l-ewwel eċċezzjoni.

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti ingħata diversi verżjonijiet għaliex kellu l-ħsara l-*mobile phone* u mhuwiex aċċettabbli illi r-rikorrenti jingħata diversi verżjonijiet sakemm wieħed jista' jasal għal xi ħaġa ta' x' tista' tkun il-ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**